- *LEGITTIMU KONTRADITTUR –*
- *PRESKRIZZJONI GHAL SERVIZZI TELEFONICI –*
- *ART. 2156 (f) TAL-KAP 16 -*
- *INSTUTUR – ART 60 KAP 13 –*
- *INTERPRETAZZJONI TA' KUNTRATTI –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Marzu 2002**

**Kawza Numru: 40**
**Citazzjoni Numru: 2356/98/RCP**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Stephen Hall u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2002 giet kjamata in kawza s-socjeta' Link Industrial Services Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta’ attrici a fol. 1 tal-process fejn ppremettiet:

Illi skond il-ftehim relattiv hawn anness u markat bhala Dokument "A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.) il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta' elf, tliet mija u dsatax-il lira u tletin centezmu (Lm1,319.30,0) in konnessjoni mas-servizz ta' *Packet Switching Service* numru 51/89 skond il-prospett hawn anness bhala Dokument "B";

Illi mitlub biex ihallas, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta’ attrici fis-somma ta' Lm1,319.30 fuq imsemmija hu cert, likwidu u ezigibbli u sa fejn taf is-socjeta’ attrici, il-konvenut ma ghandu ebda difiza opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit tal-P.L. Jean Pierre Busuttil, ir-rapprezentant tas-socjeta attrici, Dok. "X";

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta’ attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-**Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura**

**Civili (Kap. 12)** u hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,319.30,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-Dokumenti minn fol. 4 sa 10 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 1998 fejn din il-Qorti, diversament preseduta awtorizzat lill-konvenut sabiex jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Dicembru, 1998 a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:

(a) Illi fl-ewwel lok, Maltacom p.l.c. trid iggib il-prova li hi assumiet u rceviet il-kreditu li kellha t-Telemalta Corporation;

(b) Illi fi kwalunkwe kaz, l-eccipjent ma hux il-legittimu kontradittur peress li l-ordni ma saritx *di proprio* izda fl-interess ta' Link Industrial Services Limited fiz-zmien ezercitanti taht l-isem ta' Datalink Computers li maghha dakinhar kien impjegat. Ghalhekk filwaqt li din is-socjeta' ghandha tigi kjamata fil-kawza, l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

(c) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut kif ukoll il-lista tax-xhieda li jinsabu esebiti a fol. 18 tal-process;

Rat il-verbali tal-5 ta' Mejju 1999 fejn Dr. Caruana Scicluna ddikjara li fi zmien jumejn ghandu jipprezenta nota li turi li s-socjeta' attrici assumiet il-kreditu li kellha t-Telemalta Corporation.

Rat in-nota relattiva tas-socjeta' attrici tal-11 ta' Mejju 1999 a fol. 21 tal-process.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 1999.

Rat ir-rikors ta' Stephen Hall tat-28 ta' Jannar 2000 fejn talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Link Industrial Services Limited. Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti ta' l-10 ta' Frar 2002 fejn irriservat li tipprovdi ulterjorment fl-udjenza.

Rat in-nota ta' Stephen Hall tat-28 ta' Jannar 2000 li biha esebixxa affidavit (a fol. 29 sa 31 tal-process).

Rat in-nota tal-konvenut tat-28 ta' Jannar 2000 li biha esebixxa tliet (3) Dokumenti (fol. 32 sa 35 tal-process).

Rat il-verbali tal-21 ta' Frar 2000; tat-22 ta' Marzu 2000 fejn din il-Qorti, diversament preseduta ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Link Industrial Services Limited; tal-15

ta' Mejju 2000; tat-3 ta' Ottubru 2000 u tat-30 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata mis-socjeta' kjamata in kawza Link Industries Services Ltd. fid-19 ta' Dicembru 2000 a fol. 43 tal-process li permezz taghha din is-socjeta' eccepiet:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* ta' **l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** *stante* li skada t-terminu prefiss mill-ligi.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-eccipjenti mhijiex il-legittimu kontradittur *stante* li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet fuq il-meritu in kwistjoni u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Fit-tielet lok illi l-ammont mhuwiex dovut; u l-eccipjenti m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess socjeta' konvenuta kif ukoll il-lista tax-xhieda li jinsabu esebiti a fol. 44 tal-process;

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar 2001.

Rat in-nota ta' Stephen Hall tat-23 ta' April 2001 li biha esebixxa zewg dokumenti (esebiti minn fol. 47 sa 49 tal-

process).

Rat il-verbali tat-2 ta’ Mejju 2001 fejn xehed Alfred Calascione; tat-12 ta’ Gunju 2001; tas-16 ta’ Ottubru 2001 fejn xehed Robert Padovani u Dr. Toni Abela ddikjara l-provi tal-konvenut maghluqa; u tas-27 ta’ Novembru fejn xehed Alfred Calascione. Dr. Anthony Vella esebixxa kopja tal-Memorandum of Articles tas-socjeta’ kjamata in kawza u ddikjara l-provi tieghu maghluqa. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-21 ta’ Marzu 2002 u wara giet differita ghall-lum il-Gimgha, 22 ta’ Marzu 2002.

## II. PROVI DOKUMENTARJI

Illi giet esebita a fol. 21 tal-process nota tas-socjeta’ attrici fejn saret referenza ghall-**Artikolu 40 tal-Att Numru XXXIII tal-1997** li jirregola t-Telekomunikazzjoni, li jipprovdi illi *"l-kummerc tal-Korporazzjoni Telemalta kellu jkun trasferit lil u jvesti fil-kumpanija msemmija fl-istess att"*. Issir riferenza wkoll ghall-**Avviz Legali Numru 238/97** (Dok. "A") li permezz tieghu l-kumpanija msemmija giet imsemmija Maltacom plc.

Illi Dok. "X" li jinsab esebit a fol. 24 tal-process hija *application for access to the packet switching service – Maltapac*. L-applikant f’din l-applikazzjoni huwa Stephen J. Hall u hija ffirmata minnu stess.

Il-prospett esebit a fol. 7 tal-process ikopri l-perjodi 3 ta’ Novembru 1993 sas-16 ta’ Novembru 1995 u l-ammont

indikat bhala bilanc huwa ta’ Lm1,319.30.

## III. PROVI

Il-konvenut xehed permezz tal-procedura ta’ l-affidavit (*vide* fol. 30 *et seq.* tal-process) fejn jghid illi fl-1989 huwa kien jahdem mal-kumpanija Link Industrial Services Ltd. li kienet topera taht l-isem kummercjali ta’ Datalink Computers. Jghid illi huwa kien impjegat bhala *salesman* u kien jaghti sevrizzi ta’ *technical support*.

Dan ix-xhud jkompli jghid illi *"meta jiena mlejt il-formola biex is-socjeta’ takkwista s-servizz ta’ packet switching jiena ghamilt dan mhux fl-interess personali tieghi izda ghas-socjeta’ Link Industrial Services Ltd."* Tant kienet din l-intenzjoni tieghu illi *"fil-formola in kwistjoni fil-parti intestata bhala ‘Name of Firm or Person requiring Service’ jiena nizzilt ‘Datalink Computers, 69, Ta’ Xbiex Sea Front, Ta’ Xbiex".* Anke t-*telephone numbers* li ta fuq l-applikazzjoni kienu ta’ Link Industrial Services Ltd.

Illi jghid ukoll illi huwa kien kiteb, permezz tar-rapprezentant legali tieghu fl-24 ta’ Novembru 1998 lil Alfred Calascione ta’ Link Industrial Services Limited, izda dan b’risposta datata 27 ta’ Novembru 1998 infurmah illi l-kumpanija tieghu ma kellha xejn x’taqsam ma’ Datalink Computers Limited.

Illi jghid illi *"jiena nsostni li ghalkemm il-firma fuq l-applikazzjoni hija tieghi u mlejtha jiena, pero’ dan qatt ma*

*ghamiltu personalment izda fl-interess ta' Link Industrial Services Ltd".*

Illi fis-seduta tat-2 ta ' Mejju, 2001 xehed Alfred Calascione. Dan ix-xhud jghid illi l-konvenut Stephen Hall kien impjegat tieghu. Jghid illi l-kumpanija tieghu kienet tuza' t-*trade name* ta' Datalink. Jghid ukoll dan ix-xhud illi huwa ma kienx jaf bih is-servizz provdut mis-socjeta' attrici. Jghid illi fiz-zmien meta kien impjegat il-konvenut Hall, jista' jkun illi huwa kien impjegat ma' socjeta' partikolari izda jahdem minn ufficju iehor, differenti minn dak tas-socjeta' li kien hekk impjegat.

Illi l-istess xhud rega' xehed fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2001. Jghid mill-1988 sal-1989 l-konvenut Hall kien impjegat ma' Link Industrial Services u sena wara gie trasferit ghal mas-socjeta' Datalink Computers Limited. Huwa baqa' hekk impjegat sal-1990 u sussegwentement mar jahdem ma' Link Electronics Limited. Jghid illi huwa bhala wiehed mid-diretturi qatt ma ta struzzjonijiet sabiex jinxtara s-servizz provdut skond l-*agreement* li hemm a fol. 8 u 9 tal-process. Mistoqsi pero' minn din il-Qorti jekk kienx hu biss li seta' jaghti dawn l-istruzzjonijiet biex jigi iffirmat *agreement* bhal dak imsemmi, jghid illi seta' kien hemm direttur iehor. Pero' jghid illi s-servizz qieghed installat fl-ufficju tas-socjeta' Datalink Computers Limited, 69, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2001 xehed Robert Padovani. Jghid illi fiz-zmien huwa kien jahdem ma'

Datalink Computers flimkien mal-konvenut Hall ghall-habta tal-1988/1989 u kienu jahdmu mill-fond li jinsab f'Abate Rigord Street, Ta' Xbiex. Jghid illi huwa jiftakar lill-konvenut impjegat ma' Datalink Computers bhala *technical manager* u jghid illi bhala tali kien huwa l-inkarigat sabiex jaghmel applikazzjoni in konnessjoni mal-*computers*.

## III. Konsiderazzjonijiet Legali u Fattwali

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi s-socjeta' attrici trid iggib il-prova li hi assumiet u rceviet il-kreditu li kellha t-Telemalta Corporation;

Illi s-socjeta' attrici esebit nota a fol. 21 *et seq* tal-process fejn indikat l-**Artikolu 40 ta' l-Att Numru XXXIII tal-1997** li jirregola t-Telekomunikazzjoni, liema artikolu, pero' minn qari akkurat ma ghandu x'jaqsam xejn mal-eccezzjoni sollevata. Illi l-artikolu relattiv huwa l-**Artikolu 41** li jghid illi:

*(1) "Ir-regolamenti kollha u kull legislazzjoni sussidjarja ohra maghmula taht l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta ghandhom jibqghu fis-sehh daqs li kieku kienu maghmula taht dan l-Att u ghandhom ghall-finijiet u ghanijiet kollha jitqiesu bhala tali.*

*(2) Minkejja d-dispozizzjonijiet tas-**Sub-artikolu (1)** ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' l-**Artikoli 29 sa 34** (iz-zewg artikoli inkluzi) ta' l-Att imhassar b'dak is-sub-artikolu ghandhom jibqghu jsehhu u jkomplu jkollhom effett, u ghandhom jitqiesu bhala li dejjem baqghu fis-sehh u*

*komplew ikollhom effett, ghar-rigward ta' l-ufficjali pubblici msemmija f'dawk l-artikoli; u mid-data tat-thassir ta' dak l-Att, id-dispozizzjonijiet imsemmija qabel ghandhom isehhu bhal li kieku kull referenza li hemm fihom ghal Telemalta huma referenza ghall-kumpanija msemmija".*

Illi a tenur ta' l-**Avviz Legali 238 tal-1997** l-kumpanija msemmija – *designated company* – hija l-Maltacom plc.

Illi l-Maltacom p.l.c. hija s-successur fit-titolu tal-Korporazzjoni Telemalta. Is-socjeta’ attrici ssuccediet lil-Korporazzjoni permezz ta' l-ligi u senjatament l-**Att Nru. Numru XXXIII tal-1997** li jirregola t-Telekomunikazzjoni. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ma kienx mehtieg li jigi segwit dak li qed jallega l-konvenut Hall u cioe’ dak li hemm dispost fl-**Artikolu 1471 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta. Jigifieri ma kien hemm l-ebda cessjoni ta' jeddijiet jew ta' krediti mit-Telemalta Corporation izda kien hemm tkomplija tal-jeddijiet jew krediti tal-Korporazzjoni Telemalta mill-Maltacom p.l.c apparti li dan sar b’att li ghandu forza ta’ ligi *ad hoc.*

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Hall qeghda tigi michuda.

Illi l-konvenut Hall fit-tieni eccezzjoni tieghu jghid illi huwa ma hux il-legittimu kontradittur peress li l-ordni ma saritx *di proprio* izda fl-interess ta' Link Industrial Services Limited fiz-zmien ezercitanti taht l-isem ta' Datalink Computers li maghha dakinhar kien impjegat. B’hekk talab li jigi liberat

mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni, l-konvenut Hall fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fl-ewwel lok jghid illi huwa kien applika ghas-servizz ta' *packet switching* ghan-nom tad-datur tax-xoghol tieghu, u cioe Datalink Computers ta' 69, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex u fit-tieni lok, l-istess konvenut jindika l-**Artikolu 60 tal-Kodici tal-Kummerc** bhala li jezonorah mill-obbligu tal-hlas riklamat peress illi dan sar ghan-nom tad-datur tax-xoghol tieghu.

L-**Artikolu 60 tal-Kapitolu 13** tal-Ligijiet ta' Malta jighid illi :

"*Il-principal hu responsabbli ghall-eghmil ta' l-institur u ghall-obbligazzjonijiet li dan ikuntratta fil-limiti tal-kummerc jew tal-linja ta' kummerc li jkunu gew imhollija f'idejh*".

Illi dan l-artikolu tal-Ligi jinsab taht is-Sub-Titolu II li jitkellem Fuq l-Instituri. Dan is-sub-titolu pero' jifforma parti tat-**Titolu IV tal-Kodici tal-Kummerc** li jitkellem Fuq il-Persuni Awziljarji tal-Kummercjanti u fuq ir-Rapprezentanza in Generali. Ta' interess sabiex tigi dibattuta din l-ahhar tezi tal-konvenut huma s-segwenti Artikoli tal-Ligi: l-**Artikoli 50, 54(1), 57, 59(1) u 60 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-Artikoli hawn appena citati apparti l-ahhar artikolu u cioe l-**Artikolu 60 tal-Kap. 13** jghidu illi:

"*50. L-atti kollha maghmulin mir-rapprezentant ghall-*

*principal, fil-limiti tas-setghat tieghu, igibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-principal.*

*54(1) Ir-rapprezentant ghandu jaghti lit-terzi kull informazzjoni dwar safejn jaslu s-setghat moghtija lilu mill-principal, u, jekk it-terzi hekk ikunu jridu, ghandu wkoll jaghtihom dikjarazzjoni ffirmata minnu kif imiss sabiex juri li dik l-operazzjoni li jkun jaghmel tidhol fis-setghat tieghu fuq imsemmija.*

*57. L-institur hu dak li jigi inkarigat, personalment u fil-fiss, mill-kummerc jew minn linja ta' kummerc tal-principal f'post jew f'postijiet partikolari.*

*59(1) L-inkarigu moghti lil wiehed biex jagixxi ta' institur jista' jkun espress jew tacitu*".

Illi bhala xhieda dwar dan il-punt hemm l-konvenut Hall innifsu li a fol. 30 tal-process, u senjatament fl-affidavit tieghu jghid illi huwa kien *"impjegat bhala salesman u kont ukoll naghti servizzi bhala technical support.*" Robert Padovani jghid illi l-konvenut Hall kien *technical manager* u d-datur tax-xoghol tieghu Alfred Calascione ma jghidx x'kariga kellu.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi meta l-konvenut Hall jghid illi huwa kien *technical support*, ma kienx qieghed jokkupa l-kariga ta' Institur (*manager* fit-test ingliz tal-Ligi) skond il-ligi. Dan minkejja l-fatt li x-xhud Padovani jghid illi l-konvenut Hall kien *technical manager*. L-ahjar xhud biex

jiddeskrivi xoghlu huwa jew l-impjegat f'dan il-kaz il-konvenut Hall, jew inkella d-datur tax-xoghol tieghu li lanqas biss gie mistoqsi x'tip ta' xoghol kien jaghmel il-konvenut. Hadd minnhom ma jsemmi l-kelma *manager*. Oltre dan, jirrizulta mix-xhieda ta' Alfred Calascione illi fl-1989 l-konvenut Hall gie trasferit mas-socjeta' Data Link Computers Limited. Lanqas hemm biss il-prova illi Hall kien gie nominat institur fit-termini ta' l-**Artikolu 57 tal-Kodici tal-Kummerc**.

Illi ghalhekk din it-tieni parti ta' l-eccezzjoni tal-konvenut qeghda tigi michuda kemm ghaliex fl-ebda skrittura ma jidher li l-istess konvenut kien qed japplika ghan-nom tas-socjeta' Link Industrial Services Limited, li hija socjeta' debitament registrata u ghandha personalita' legali distinta, u ghalhekk hija ghall kollox differenti u distinta min-nozzjoni ta' ditta li fi kwalunkwe kaz qed jirreferi ghaliha l-konvenut, u kemm ghaliex mix-xhieda prodotta rapprezentanti l-istess socjeta' kjamata fil-kawza dawn cahdu kategorikament li l-istess konvenut gie mqabbad jitlob tali servizz lanqas ghad-ditta minnu indikata, apparti li s-socjeta' kjamata fil-kawza ma kienet ticcentra xejn fl-istess dokumenti esebiti.

Illi jibqa' ghalhekk li tigi kkunsidrata l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Hall u cioe' illi huwa kien applika ghas-servizz ta' *packet switching* ghan-nom tad-datur tax-xoghol tieghu, u cioe' Datalink Computers ta' 69, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex

Illi din lanqas din ma tirrizulta mix-xhieda prodotta. Mid-

dokument esebit a fol. 24 tal-process ma jirrizultax illi l-konvenut Hall kien qieghed japplika f'isem s-socjeta' Datalink Computers Limited. Fejn hemm l-kliem *'Datalink Computers'* hemm il-kliem ukoll *'Name of firm or person requiring the service'* pero' fejn hemm *'name of applicant'* hemm l-isem Stephen J. Hall – il-konvenut. Illi din il-Qorti, u dan kif kostantement gie dejjem ritenut, tghid illi kulhadd ghandu jwiegeb ghall dak illi jaghmel u jinzamm responsabbli ghall-eghmilu. Il-konvenut Hall iffirma din l-applikazzjoni f'ismu personali. M'hemm imkien indikat li kien qieghed japplika f'isem is-socjeta' jew id-datur tax-xoghol tieghu (galadarba gie allegat li Datalink Computers kien *trade name* u mhux kumpanija) u allura ma huwiex gust illi s-socjeta' attrici ghandha tigi zgwidata dwar minn min kienet qeghda issir l-applikazzjoni. Gustament is-socjeta' attrici ipprocediet kontra l-konvenut.

Illi l-Qorti *di piu'* tirrileva li l-iskrittura esebita bhala Dok. 'TA3' a fol. 35 tal-process huwa fih innifsu car u mkien fl-istess skrittura ma hemm indikat li l-istess konvenut qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' kjamata fil-kawza tant li jidher li l-istess konvenut iffirma bhala l-applikant ghal tali servizz minghand is-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**Artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha

**(“Carmela Borg vs Bartolomeo Xeureb” -** A. C. 30 ta’ Marzu 1997).

Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju *contra scriptum non est argumentum,* li jibqa’ japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa min xi element kostituttiv taghha, prova li ovvjament f’din l-kawzi ma ngabitx, u lanqas hija biss allegata tant li l-istess konvenut fl-ebda mument ma kkontesta l-kontenut tal-istess skrittura u fil-fatt mill-istess skrittura l-isem tas-socjeta’ konvenuta assulutament ma jiccentrax u ma jezistix **(“Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia *et nomine*” -** A.C. 28 ta’ Frar 1997); **“Anton Spiteri vs Alfred Borg”** (P.A. [RCP] 30 ta’ Novembru 2000)

Illi ghalhekk anke din il-parti tat-tieni eccezzjoni tieghu qeghda tigi michuda.

Illi tenut kont tal-premess u in vista tal-fatt illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Hall qeghdin jigu michuda, u dan ghaliex din il-Qorti thoss kif fuq premess li r-relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici kienet dik biss mal-konvenut, isegwi ghalhekk li t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ kjamata fil-kawza ghandha tigi milqugha *stante* li l-istess socjeta’ ma hijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, bil-konsegwenza li din il-Qorti tara li hija ma ghandhiex ghalfejn tidhol necessarjament tidhol fl-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ kjamata in kawza fejn eccepiet il-preskrizzjoni *ai termini* tal-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.**

Illi pero' ghall kompletezza tal-gudizzju jinghad li kif gie stabbilit f'diversi sentenzi fosthom dik ta' din il-Qorti datata 13 ta' Jannar 2000 fil-kawza fl-ismijiet **"Maltacom p.l.c. vs Anna Fenech"** (Citaz. Numru 2927/97/RCP) li l-preskrizzjoni applikabbli ma hijiex dik *ai termini* tal-**Artikolu 2148 (f) tal-Kap 16,** izda dik ta' hames snin *ai termini* tal-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** kif jinstab indikat f'gurisprudenza nostrali konstanti inkluza dawk fl-ismijiet **"Maltacom p.l.c. vs Charles Pool" (FGC. 5 ta' Novembru 1999); "Korporazzjoni Telemalta vs Carmel Dingli" (GV. 28 ta' April 1997); "Saviour Farrugia nomine vs Albert Pearson" (2 ta' Mejju 1997).**

Illi tenut kont li skond l-*istatement* esebit l-ahhar *invoice* kienet datata 17 ta' Ottubru 1995 u peress li l-istess socjeta' konvenuta kienet notifikata bic-citazzjoni attrici biss fl-4 ta' Dicembru 2000, isegwi li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni hija preskritta kontra l-istess socjeta' kjamata fil-kawza.

## IV. KONKLUZJONI

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u fil-waqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' kjamata fil-kawza Link Industrial Services Limited u tillibera lill-istess socjeta' kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju (li fi kwalunkwe kaz il-kawza fil-konfront taghha hija preskritta skond l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16), tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** fil-konfront tal-istess konvenut b'dan illi :-

(1) Tikkundanna lill-istess konvenut Stephen Hall ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tliet mija u dsatax-il lira Maltija u tletin centezmu (Lm1,319.30) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni attrici in konnessjoni ma' servizz ta' *Packet Swithching Service* numru 51/89 skond il-prospett anness mac-citazzjoni attrici mmarkat bhala Dokument 'B'.

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-kjamata fil-kawza u tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 sal-effettiv pagament kontra konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Marzu 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2002**